# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 32**

**Citaz. numru 1274/91 DS**

**Joseph Gerada bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza ta' "Thos C. Smith Insurance Services Limited u dina bhala mandatarja ta' l-Union des Assurances De Paris bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Charles Mercieca & Co. Limited.**

**vs**

**Godwin Abela u Andrew E. Aquilina bhala diretturi ghan-nom u in rappresentanza ta' The Cargo Handling Company Limited.**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI ; IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA' ATTRICI</u>**

1. B'citazzjoni l-attur nomine ppremetta illi l-assigurat ta' l-attur importa permezz tal-bastiment MV Tiha tnejn u ghoxrin (22) bundle

white deal sawn timber ; liema konsenja waslet Malta bejn id-disgha w ghoxrin (29) u t-tletin (30) ta' Novembru 1990. L-assigurat ta' l-attur gabar il-merkanzija in kwistjoni fis-sitta (6) ta' Dicembru 1990. Sussegwentement irrizulta li l-merkanzija mertu tal-vertenza odjerna kienet imxarba, u ghaldaqstant, l-attur hallas lill-assigurat tieghu s-somma ta' seba' mija u lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm701.34) kif ukoll is-somma ta' tnejn u disghin liri Maltin u sittin centezmu (Lm92.60) ; illi l-attur gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assigurat ; illi s-socjeta' konvenut hija responsabbli ghal dawn id-danni, u ghaldaqstant talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili :

(a) Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghall-hsarat u n-nuqqasijiet fuq imsemmija ;

(b) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm793.94 ghar-ragunijiet premessi.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA' KONVENUTA</u>**

2. Is-socjeta' konvenuta, hija eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-merkanzija in kwistjoni giet ikkonsenjata lill-burdnar ta' l-assigurat ta' l-attur noe. Minghajr rimarki ta' tixrib kif jidher ampjament car mill-Gate Pass Out esebit fl-atti tal-kawza.

**IS-SENTENZA TAL-EWWEL QORTI**

3. B'sentenza tal-ewwel Qorti tat-tmienja (8) ta' April 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet billi cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited u laqghet it-talbiet attrici bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' konvenuta.

**L-APPELL TAS-SOCJETA' KONVENUTA**

4. Illi s-socjeta' hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq premessa u interponiet appell minnha lil din l-Onorabbli Qorti fuq l-aggravju segwenti :-

(a) Illi l-merkanzija mertu tal-vertenza odjerna waslet Malta bejn id-disgha u ghoxrin (29) u t-tletin (30) ta' Novembru 1990. Malli tali merkanzija waslet giet ikkonsenjata lis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited, u giet immedjatament stivata fit-tinda Numru wiehed (1). Dan jidher car mill-Gate Pass Out esebit fl-atti tal-kawza.

(b) Illi, biex tirnexxi l-azzjoni attrici kif diretta kontra l-istess socjeta' esponenti, apparti affarijiet ohra, jrid jigi ppruvat illi d-danni dedotti fic-citazzjoni attrici sehhew waqt illi tali merkanzija kienet fil-kustodja tas-

socjeta' esponent u li tali dannu sehh minhabba nuqqas ta' diligenza ta' l-istess socjeta' esponenti.

Rigward din il-prova, ghandu jinghad illi l-prova li tingieb mill-attur hija l-Gate Pass Out. Tingieb ukoll il-prova permezz tas-survey li jsir minn surveyor imqabbad mill-istess socjeta' assiguratrici. Din l-istess Gate Pass Out, li hija ffirmata kemm mir-rappresentant tas-socjeta' esponenti, kif ukoll mir-rappresentant ta' l-importatur, hija bazikament dikjarazzjoni kongunta bejn l-istess socjeta' esponenti u l-importatur rigward il-kundizzjoni li fiha qieghdha tigi ricevuta l-merkanzija importata mill-importatur. Ghaldaqstant, tali skrittura privata hija fiha nnifisha prova li ghandha torbot kemm lis-socjeta' esponenti, kif ukoll lill-importatur. Di piu', skond l-artikolu 16 tal-Ports Ordinance hemm provdut li "*the Director of Ports or his contractor shall be relieved of all responsibility in respect of the delivery of the goods if he delivers the goods to which the documents relate to the person presenting such documents in such manner and form as may be prescribed."* Dan juri bic-car l-importanza tal-Gate Pass Out preskritt mil-ligi.

Hija haga ovvja illi dan it-tip ta' dokument, illi minn dejjem jien jirregola r-relazzjoni bejn is-socjeta' esponenti u s-socjetajiet importatrici, qieghed hemm biex jigi ppruvat liema merkanzija giet rilaxxata mis-socjeta' appellanti lill-importatur, u f'liema kundizzjoni din il-merkanzija giet hekk rilaxxata. U minn natura taghha tali dikjarazzjoni minn dejjem

kienet u ghadha ssir kongunta bejn is-socjeta' esponenti u l-imporaturi, bl-iskop li tkun torbot liz-zewg socjetajiet bhal ma jaghmel kull dokument kontrattwali. Ghaldaqstant, fuq l-istess Gate Pass Out hemm post fejn jitnizzlu dawk id-difetti jew hsarat illi jigu nnotati meta l-merkanzija tkun qieghdha tigi rilaxxata lill-importatur, u l-prassi minn dejjem kienet u ghadha illi effettivament dawn in-notamenti jsiru u minn dejjem jitqiesu mill-Qrati taghna bhala prova bizzejjed kontra s-socjeta' esponenti illi l-hsarat imnizzla fuq il-Gate Pass Out huma responsabbilita' ta' l-istess socjeta' esponenti (dejjem jekk l-istess hsarat ma gewx notati fit-Tally Sheet meta l-merkanzija tkun qieghda tigi skarikata minn fuq il-vapur u jekk l-istess socjeta' esponenti ma tkunx qdiet id-doveri taghha kif tirrikjedi l-ligi.

Fil-kaz mertu tal-vertenza odjern, jidher car illi l-ebda notament jew rimarka ma saret fuq l-istess Gate Pass Out, u ghaldaqstant huwa ovvju illi s-socjeta' importatrici li ffirmat dan l-istess Gate Pass Out qieghda tiddikjara illi l-istess merkanzija giet rilaxxata *"in good order and condition".*

Huwa ghaldaqstant huwa ovvju illi l-importatur li ffirma dan id-dokument qieghed jiddikjara illi l-istess merkanzija giet rilaxxata lilha fil-kundizzjoni kif deskritta fuq din l-istess Gate Pass Out – u cioe' *in good order and condition*.

Izda l-ewwel Qorti, a bazi tar-relazzjoni tal-Perit Legali, ddecidiet illi ngiebet bizzejjed prova biex twaqqa dak li kien qieghed jigi ddikjarat fil-Gate Pass Out, u li ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti ghandha tinzamm responsabbli ghan-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici. In sostenn ta' dan ir-ragunament, l-ewwel Qorti rriferiet ghad-decizjoni moghtija mill-Onor Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet **J. Felice Pace vs G. Abela** deciza fit-2 ta' Mejju 1998 u **Av. Dr. G. Grixti vs Gollcher et** deciza fil-15 ta' Ottubru 1998.

Illi, din il-konkluzzjoni hija zbaljata, stante li fl-ebda stadju ma ngiebet prova bizzejjed biex jigi ribattut dak li hemm imnizzel u ddikjarat fil-Gate Pass Out. Ghandu wkoll jinghad illi r-referenza ghad-decizjoni riferita izjed 'il fuq hija zbaljata stante li din tirreferi ghal fatti u cirkostanzi differenti.

Il-provi li fuqhom ibbazat ruhha l-ewwel Qorti biex twaqqa l-prezunzjoni tal-Gate Pass Out kienu s-segwenti :

Rapport tad-Dipartiment ta' l-Avvjazzjoni Civili dwar ix-xita li ghamlet bejn it-tletin (30) ta' Novembru 1990 u l-hdax (11) ta' Novembru 1990.

Minn dan id-dokument irrizulta illi bejn it-tletin (30) ta' Novembru u s-sitta (6) ta' Dicembru ghamlet xita kuljum.

Id-deposizzjoni tad-direttur tas-socjeta' importatrici li qal illi meta l-merkanzija waslet fl-imhazen importatrici huwa nnota li kien hemm it-tixrib.

Survey report li sar minn surveyor imqabbad mis-socjeta' assiguratrici li mar fl-imhazen tas-socjeta' importatrici fl-ghaxra (10) ta' Dicembru 1990, u peress illi ma setax jaghmel survey, rega' mar u ghamel survey, li a bazi tieghu s-socjeta' assiguratrici hallset lis-socjeta' importatrici, fis-**sitta (6) ta' April 1991.**

Minn naha l-ohra, l-ewwel Qorti eskludiet illi l-merkanzija mertu tal-vertenza setghat ixxarbet meta dina kienet abbord il-bastiment u dan stante li minn ezami ta' kampjun ta' l-ilma rrizulta li dan ma kienx mielah a bazi tat-tally sheets li juru li s-socjeta' esponenti rceviet il-merkanzija mertu tal-vertenza odjerna f'kundizzjoni tajba.

L-ewwel Qorti m'esploratx il-possibbilita' li l-istess merkanzija setghat ixxarbet qabel ma giet mghobbija fuq il-bastiment fil-*port of loading*.

L-istess Qorti eskludiet il-possibilita' li tali merkanzija xxarbet meta kienet qieghda tingarr mill-burdnar tas-socjeta' esponenti stante li fis-sitta (6) ta' Dicembru kull ma ghamlet xita kien ta' 3.7mm.

L-ewwel Qorti minhabba l-fatt illi d-direttur tas-socjeta' importatrici qal illi huwa kien ra l-merkanzija mxarrba fis-sitta (6) ta' Dicembru, eskludiet illi tali tixrib seta sar minhabba leakage fl-imhazen tas-socjeta' importatrici.

U f'dan l-istadju, wiehed isaqsi, xi grad ta' certezza ghandhom dawn il-provi li fuqhom l-ewwel Qorti eskludiet kull eventwalita ta' risponsabbilita' ta' terzi persuni, izjed mill-provi mressqa mis-socjeta' esponenti biex dina turi li hija m'hijiex responsabbli ghal tali hsarat?

Fl-ebda stadju ma ngiebet prova sostenibbli li turi li l-Gate Pass Out iffirmat miz-zewg partijiet m'huwiex korrett jew li qieghed jiddikjara xi haga mhux minnha. U wiehed isaqsi x'juri dan kollu? Li zgur li juri huwa n-nuqqas ta' serjeta' minn naha ta' l-importatur u tas-socjeta' assiguratrici fil-gestjoni ta' din il-kwistjoni. Normalment, il-Qrati taghna, jmoru fuq is-survey report biex iwaqqghu l-prova li tohrog mill-Gate Pass Out. U dan meta l-istess Survey Report ikun sar qabel ma gie ffirmat il-Gate Pass Out, minhabba l-fatt li dak li jinghad fil-Gate Pass Out u fis-Survey Report ma jkunx qabel, u minhabba l-allegazzjoni li l-Gate Pass Out gie ffirmat mir-rappresentant tas-socjeta' importatrici taht xi forma ta' *duress*.

Jigi sottomess illi f'dan il-kaz ma ngiebet l-ebda prova dwar dan, u li l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi din il-kawza a bazi ta' dak li hemm imnizzel fil-Gate Pass Out.

***Anzi, ghandu jinghad illi fl-istess grad ta' prova, l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tiddeciedi illi s-socjeta' esponenti ma tistax tinsab responsabbli minhabba l-fatt illi appena hija hadet il-kustodja tal-merkanzija mertu tal-vertenza odjerna, hija stivat tali merkanzija fil-maghluq. U wiehed isaqsi, anki li kieku stess ghamel dulluvju, kif setghat il-merkanzija tixxarrab taht it-tined tas-socjeta' appellanti?***

U dan kollu jwassal ghal dak li inghad fid-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Noel Ellul noe. V. James Gollcher et noe et** deciza fis-26 ta' Mejju 1997, fejn fost ohrajn intqal illi :

*"….. ma hemmx dubbju li l-Gate Pass Out iffirmat mir-rappresentant tas-socjeta' importatrici minghajr rimarki huwa prova per se li l-vetturi meta gew rilaxxati kienu kollha f'kondizzjoni tajba u fi stat tajjeb. L-attur nomine li qed jallega li tali dokument hu zbaljat naqas li jipproduci provi sufficjenti biex jikkontrobatti dak li gie certifikat fl-istess dokument."*

Issir ukoll referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza **Reg. Micallef v. James Gollcher** (19 ta' Awissu 1992),

*Ghall-fatt li tali Gate Pass Out huwa clean u li ma nghataw ebda rimarki lil Cargo Handling dwar l-istat ta' merkanzija, din il-kwalita' ta indifferenza u kompjacenza jekk mhux accettazzjoni u rinunzja fl-agir tal-kreditur fil-konfront tad-debitur, miex kompatibbli mal-azzjoni tad-danni kontra prova skritta li ticcertifika dik l-indifferenza, kompjacenza, rinunzja jew accettazzjoni li l-provi jindikaw. Ebda norma u ebda Qorti ma tista qatt tissupplixxa ghan-nuqqas radikali ta' interess fis-suggett tad-dritt.*

*Lo Jhering diceva che colui che ha il diritto ha egli stesso la missione di proteggere il proprio interesse ; poco importa se agisca il titolare in persona o per mezzo d'un suo rappresentante ; l'azione e' sempre intentata a nome ed a profitto dell'avente diritto. Il diritto soggettivo non e' dunque, se non l'autoprotezione dell'interesse.*

*Il-prassi tas-socjeta' assikuratrici fic-cirkostanzi li rrizulaw f'dan il-kaz (simili, jekk mhux identici, ghal dawk in kawza) hija tali, prattikament ma tezercita l-ebda kontroll fuq kull ma jsir mill-assikurat taghha.*

Jinghad ukoll dak li gie kkwotat fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Peter Borg Costanzi noe v. James Gollcher**, fejn l-istess Qorti sostniet li jidher car li l-Gate Pass Out jigi ffirmat b'mod ljev mill-importatur u inghad li *"….. Ma jistax jippretendi l-attur nomine li ghax l-assigurat tieghu kien pront u accetta dan l-istat ta' fatt u l-claim tieghu giet milqugha, allura*

*<u>b'daqshekk hemm il-prova li l-hsarat riskontrati kienu attribwibbli inter alia lis-socjeta' konvenuta ; kull ma kellu jaghmel l-assigurat kien li jindika in-nuqqasijiet u l-hsarat waqt ir-rilaxx</u> u mhux wara r-rilaxx u ghalhekk l-istess socjeta' attrici kellha tbati l-konsegwenzi ta' tali nuqqasijiet."*

U huwa f'dan il-kuntest li s-socjeta' esponenti ma taqbilx mar-referenza li saret mill-ewwel Qorti stante li f'dan il-kaz, la l-importatur, la l-burdnar u lanqas is-socjeta' assiguratrici ma huma qeghdin jallegaw li kienu **<u>kostretti</u>** li jiffirmaw dan id-dokument minghajr hsarat.

Illi s-socjeta' attrici, fl-ebda stadju ma rnexxielha tressaq xi prova biex tirribatti dak li jinghad u huwa dikjarat bil-miktub fil-Gate Pass Out. Il-Qrati taghna, kemm fi kwestjonijiet simili ta' "cargo claims", kif ukoll fi kwestjonijiet fejn jintalbu biex janalizzaw u jiddeciedu fuq kuntratt in vista ta' cirkostanzi li juri xort'ohra, dejjem insistew fuq grad ta' prova ta' certu livell u importanza biex jitwaqqa dak li gie miktub.

Rigward dan l-oneru tal-prova ssir referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Ellul noe. v. Joseph Apps**, (20/05/1996).

Issir ukoll referenza ghad-decizjoni ta' l-istess Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Dr. Simon Micallef Stafrace noe. v. Godwin Abela et noe et** (19/11/1996) illi li kieku l-prova li tinholoq mill-Gate Pass Out tista'

titwaqa hekk facilment, allura, s-socjeta' esponenti tigi esposta ghal riskji kbar minghajr ma tista' tikkontrolla dak li tieghu hija tista' tinsab responsabbli.

(c) Interessi u spejjez

Rigward il-kwestjoni ta' l-interessi, hija l-opinjoni tas-socjeta' konvenuta appellanti illi, jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss tigi konfermata d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti, l-interessi jibdew jiddekorru minn meta l-ammont jigi likwidat, stante li si tratta dwar il-kawza ta' danni.

Ghaldaqstant, is-socjeta' konvenuta appellanti talbet li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-tmienja (8) ta' April 1999 fl-ismijiet premessi, b'hekk tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-appellant, tichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi.

**IR-RISPOSTA TAS-SOCJETA' ATTRICI APPELLATA**

5. L-attur nomine appellat wiegeb hekk :-

Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

(i) Illi f'din il-kawza l-perit legali li semghet ix-xhieda “viva voce” u l-ewwel Qorti kkonkludew li s-socjeta’ konvenuta hija responsabbli ghal hsarat u nuqqasijiet fil-merkanzija importata mis-socjeta’ assigurata.

(ii) Illi s-socjeta’ konvenuta qeghda titlob lil din il-Qorti tiddipartixxi mill-konkluzzjonijiet tal-perit legali u ta’ l-ewwel Qorti ghaliex : ma hemm ebda rimarka fuq il-“gate pass out”.

Illi din l-eccezzjoni giet ikkunsidrata u skartata kemm mill-Perit Legali kif ukoll mill-ewwel Qorti.

L-appellat nomine jissottometti li l-fatt li hemm Gate Pass Out bla rimarka huwa biss prezunzjoni juris tantum li dak li jindikaw hija l-verita’ – sakemm ma jkunx hemm provi ohra serji u precizi li jindikaw il-kuntrarju.

3. Illi provi serji u precizi li juru li l-merkanzija giet imxarrba waqt li kienet fil-kustodja tas-socjeta’ konvenuta huma :

(a) Jirrizulta mis-“survey report” li t-tixrib ma sarx bl-ilma bahar.

(b) Rapport tad-Dipartiment ta’ l-Avjazzjoni Civili fis-sens li ghamlet xita kwazi kuljum bejn it-30 ta’ Novembru 1990 u s-6 ta’ Dicembru 1990 (perjodu li fiha l-merkanzija kienet fil-pussess tas-socjeta’ konvenuta).

(c) Xhieda bil-gurament ta' Charles Mercieca li qal : "dakinhar li rtirajna x-xoghol jiena rajt il-merkanzija fil-mahzen taghna u sibt li kienet imxarrba fil-maggor parti taghha". Fil-fatt il-Perit legali tikkonkludi "ladarba dan ix-xhud ra l-merkanzija dakinhar stess li waslet ghand l-importatur, u ra li ga kienet imxarrba, x-xhieda tieghu teskludi li t-tixrib seta' sar fl-imhazen ta' l-importatur ….". Illi ma hemm ebda raguni ghaliex wiehed ma ghandux jemmen ix-xhieda bil-gurament ta' Charles Mercieca.

(d) Illi l-appellant donnu jrid jargumenta li l-merkanzija setghet ixxarbet qabel ma giet mghobbija fuq il-bastiment fil-"port of loading". Izda t-tally sheets huma bla rimarki u kieku l-merkanzija kienet danneggjata kienet issir rimarka fuq l-istess. Fis-sentenza fil-kawza "Formosa & Camilleri Ltd. Vs Sea Malta Company Limited" deciza fil-5 ta' Ottubru 1998 gie ddikjarat li t-"tally sheet" huwa prova tal-kontenut taghha daqs kemm taghmel prova l-"Gate Pass Out".

Illi fl-ahhar l-esponent jinnota l-prassi kostanti tal-Qorti ta' l-Appell li ma jiddisturbax konkluzzjonijiet raggjunti mill-ewwel Qorti minghajr raguni tajba. (Ara per ezempju Abram Bezzina vs. Joseph Falzon deciza fil-11 ta' Jannar 1998 mill-Qorti tal-Appell sede civili). Illi f'din il-kawza l-appellat nomine jissottometti li ghandha tinghata importanza lit-Tally sheet li juri li l-merkanzija waslet f'Malta f'kundizzjoni tajba u x-xhieda

bil-gurament ta' l-assigurat tal-attur li ra l-merkanzija mxarrba fil-gurnata li telqet mill-pussess tas-socjeta' konvenuta.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

6. Illi mill-provi jirrizulta li s-socjeta' Charles Mercieca & Co. Ltd., assikurata mas-socjeta' appellata, impurtat Malta 22 "bundle" ta' injam, li ngarru fuq il-bastiment "TIHA" u waslu Malta fis-26 ta' Novembru 1990. Il-merkanzija giet ikkonsenjata lill-importatur fis-6 ta' Dicembru 1990. Din il-merkanzija pero' waslet ghandu fi stat iddanneggjat peress li kienet ixxarrbet. Fil-fatt irrizulta li 547 bicca njama minn total ta' 3,180 bicca kienu mxarrba u bil-moffa. Sar rapport ukoll mis-"surveyor" li mhux biss ikkonferma d-danni imma kkwantifikahom ghall-valur ta' Lm701.34c u maghhom kellhom inoltre jigu mizjuda l-ispejjez tas-"survey" li sar ghall-valur ta' Lm92.60c – b'kollox ghalhekk LM793.94c.

7. L-appell intavolat mis-socjeta' konvenuta ma jirrigwardax il-quantum tad-danni li gew reklamati mis-socjeta' attrici appellanti u li, wara li indennizzat lill-assikurat taghha, giet surrogata fid-drittijiet tal-istess. Is-socjeta' konvenuta tikkontendi li s-socjeta' attrici ma gabitx il-prova rikjesta biex tiddimostra li l-merkanzija fil-fatt ixxarrbet meta din ghaddiet fil-pussess taghha sakemm eventwalment giet mghoddija lill-burdnar mibghut mis-socjeta' importatrici biex jirtiraha minghanda. Multo magis, tkompli s-socjeta' tal-importatur ffirmaw fuq il-"Gate Pass

Out" fil-mument tar-rilaxx tal-merkanziji li din kienet "in good order and condition", hlief ghal rimarka dwar "bundle" partikolari li pero' ma kellhiex x'taqsam mal-kwistjoni dwar it-tixrib tal-injam impurtat.

8. Illi dak li gie sottomess miz-zewg nahat kontendenti dwar il-presunzjonijiet legali naxxenti kemm mit-"Tally Sheet" kif ukoll mill-"Gate Pass Out" huwa sostanzjalment korrett. Fil-fatt bilkemm ghandu ghalfejn kull darba jigi mtenni li proprjament il-procedura tat-"tallying", u aktar u aktar dik tal-"joint tallying" fil-mument tal-hatt, flimkien mal-procedura l-ohra tal-"Gate Pass Out" fil-mument tar-rilaxx, ghandhom l-iskop importanti li jiccertifikaw "a tempo debito" l-istat tal-merkanzija meta tkun qeghda fl-istadju ta' trasport, hatt u konsenja minn parti ghal ohra involuti fil-garr taghha.

Illi minn ezami tat-"Tally Sheets" jirrizulta li sal-mument li l-merkanzija nhattet lokalment ma kienx hemm danni – li allura jeskludi xi htija da parti tat-trasportatur. Minn naha l-ohra, il-fatt li fuq il-"Gate Pass Out" lanqas ma tnizzlu rimarki wkoll juri li ma jidhirx li kien hemm xi htija attribwibbli lil The Cargo Handling Co. Ltd, is-socjeta' konvenuta. Madankollu hu fatt li, minkejja dan, il-merkanzija waslet ghand l-importatur imxarrba u bil-moffa f'partijiet minnha.

9. Illi l-partijiet jaqblu li ghalkemm dokumenti bhalma huma t-"tally sheets" u l-"Gate Pass Out" ghandhom il-forza probatorja taghhom

pero' tibqa' dejjem il-konsiderazzjoni li din il-prova hija juris tantum. Fi kliem iehor, hija prova ribattibbli jekk u kemm-il darba naturalment, jitressqu provi kontrarji ghal dak li jkun gie mnizzel, jew naqas milli jigi mnizzel, fl-istess dokumenti.

10. Jirrizulta li fis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, wara li din kellha l-okkazzjoni li tezamina kif ukoll tikkonferma, relazzjoni dwar il-kaz maghmula minn punt legali mahtura minna specifikatament, li din qieset kemm il-portata legali tad-dokumenti li gew prodotti u esebiti mill-partijiet, kif ukoll provi ohra ta' fatt li johorgu mix-xhieda prodotti mill-partijiet fil-kors tal-produzjoni tal-provi. Fil-fehma kunsidrata ta' dik il-Qorti, u minkejja allura dak li kien jindika l-"Gate Pass Out", kien hemm provi bizzejjed li juru li :

(i) L-injam, fil-kwantita' indikata mill-appellat nomine, tassew wasal ghand l-importatur fi stat imxarrab u bil-moffa ;

(ii) Li l-injam ma xxarrabx meta kien fuq il-vapur. Dan kien hekk mhux semplicement il-ghaliex il-"joint tally sheet" (prova ribattibbli) hekk kienet tindika imma l-ghaliex saret il-prova mill-appellat li minn kampjun ta' l-injam li gie spezzjonat u ezaminat deher li l-injam kien

> "chlorides-free, indicating that the timber had not been in contact with sea-water".

(iii) Irrizulta li fil-perijodu li l-injam <u>de quo</u> kien ittiehed fil-pusseses tas-socjeta' konvenuta gie registrat ammont konsiderevoli ta' xita, jigifieri bejn it-30 ta' Novembru 1990 u l-11 ta' Dicembru 1990 – u bejn l-ewwel data u s-6 ta' Dicembru 1990 ghamlet xita kuljum – ara rapport mahrug mid-Dipartiment ta' l-Avvjazzjoni Civili ;

(iv) Charles Mercieca, direttur tas-socjeta' importatrici xehed li kien ra l-injam dakinhar stess li l-merkanzija giet irtirata, u dan meta kien ghadu fil-mahzen tas-socjeta' konvenuta u rah fi stat imxarrab ;

(v) Ix-xita li nizzlet fil-jum li l-merkanzija <u>de quo</u> giet rilaxxjata u rtirata mill-burdnar, fis-6 ta' Dicembru 1990, kienet ftit wisq – medja ta' 3.7mm – biex setghet ghamlet dil il-hsara kollha li giet riskontrata mill-importatur.

Fuq dawn il-fatti kollha, kienet altru milli gusta u korretta l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti li, minkejja dak li ma ssemmiex fil-"Gate Pass Out",

> "….. stante li gie eskluz li t-tixrib sar bl-ilma bahar fuq il-bastiment, li sar bix-xita waqt li l-injam kien <u>in transit</u>, u anke li seta' sar minhabba <u>leakage</u> ta' ilma fil-mahzen ta' l-importatur, hija kkonkludiet li l-provi huma serji u precizi bizzejjed biex jghelbu l-prezunzjoni mahluq mill-"Gate Pass Outs" u li fuq bilanc ta' probabilitajiet, l-attur nomine wera li aktarx li l-hsara grat waqt li l-injam kien depozitat ghand is-socjeta'."

Illi apparti li din hija evalwazzjoni ta' fatti li tressqu ghall-kunsiderazzjoni fl-ewwel lok quddiem l-ewwel Qorti, din il-Qorti jidhrilha li dak li gie

kkostatat u deciz fl-ewwel istanza kien korrett. Ifisser ghalhekk li l-aggravji tas-socjeta' konvenuta appellata m'humiex gustifikati.

11. Illi, fl-ahharnett, kwantu ghall-aggravju dwar hlas ta' interessi, l-aggravju tal-konvenut nomine mhux gustifikat. Hu minnu li hawn si tratta ta' azzjoni ta' danni imma jirrizulta li d-danni kienu gew ikkwantifikati sa mill-bidunett. Mhux il-kaz meta ta "in illiquidis non fit mora" ghax l-ammont kien maghruf mill-bidunett u billi inoltre hawn si tratta ta' rapporti bejn zewg socjetajiet kummercjali, l-interessi ghandhom jitqiesu li huma dovuti skond kif deciz fis-sentenza appellata u mhux diversament.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' April 1999 fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell tas-socjeta' konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontriha.

Dep/Reg

mg